Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 157/2014/1

**Anthony Micallef (appellat)**

**Vs**

**Martin Vella (appellant)**

18 ta' Diċembru, 2018.

1. Permezz ta' rikors ippreżentat minn Anthony Micallef fit-2 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) intalbet tikkundanna lill-intimat:

> *'Prevja dikjarazzjoni ta' din Onorabbli Qorti illi pubblikazzjonijiet konsistenti f'emails mibghuta mill-intimat u distribwiti lil numru ta' persuni fil-25 ta' April, 2014 u fit-28 ta' April, 2014 (hawn annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B rispettivament) huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent billi z-zewg pubblikazzjonijiet fihom dikjarazzjoni cara illi r-rikorrenti huwa 'persona non grara' liema dikjarazzjoni, inoltre ghall-fatt illi hija infondata, hija palezement intenzjonata sabiex ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent u sabiex tesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, thallas lir-rikorrent in linea ta' danni dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 28 tal-Att dwar Istampa, (Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta).'*

2. Permezz ta' tweġiba[1] ppreżentata fl-14 ta' Mejju 2014, l-intimat wieġeb:

> *'1. Illi fl-ewwel lok l-emails li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent Anthony Micallef ma humiex malafamanti jew b'xi mod inaqqsu jew itellfu r-reputazzjoni tieghu kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*
>
> *2. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza r-rikorrent innifsu kien palezement idejjaq lill-esponent biex bi prepotenza jattendi u jkun kelliem ewlieni f'attivita organizzata mill-esponent ghan-nom tas-socjeta' li jirraprezenta bla ma kien invitat li jaghmel dan u li sahansitra l-istess rikorrent kien sostna li kien ser jaghmel il-hsara lill-esponent;*

[1] Fol. 8.

*3. Illi l-frazi 'persona non grata' ma hijiex libelluza u dan stante li tfisser biss li tali persuna ma hijiex accettata f'post jew sitwazzjoni minn persuna jew persuni ohra';*

*4. Illi tali decizjoni li r-rikorrent giet dikjarat persona non grata ma hadhiex l-esponent imma mill-kumitat organizzattiv ta' l-event in kwistjoni;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'*

3. Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet kif ġej:

*'**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat u, ghalhekk*

***Tilqa'** t-talbiet attrici kollha u ghalhekk*

***Tiddikjara** illi l-emails mibghuta mill-intimat fil 25 ta' April 2014 fin 12.30 u fit 28 ta' April 2014 fil-11.24 lill terzi persuni kienu jikkontjeni kliem u allegazzjonijiet illi kienu malafamati u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent u, a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk*

***Tikkundanna** lill-intimat Martin Vella ihallas lir-rikorrent Anthony Micallef is-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) bhala danni likwidati minn dina l-Qorti.*

*Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat'*

4. Illi minn din is-sentenza appella Martin Vella. L-aggravji tiegħu huma:

   i. illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-fatti;
   ii. illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-Liġi;
   iii. illi l-*quantum* tad-danni huwa eċċessiv tenut kont l-kontenut tal-*emails* in kwistjoni u n-numru limitat ta' qarrejja tal-kitba.

5. Illi permezz ta' tweġiba preżentata fis-26 ta' Marzu 2018 l-appellat wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma b'dan illi l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih.

**<u>Konsiderazzjoni</u>:**

6. Il-fatti diġa jinsabu fis-sentenza 232/2014 li ngħatat illum, u issir riferenza għaliha. F'dan il-każ li hemm differenti hu li l-kwistjoni tikkonċerna żewġ emails mibgħuta mill-appellant lil Margaret Brincat (partner tiegħu), Raymond Borg (ufficjali tal-Libya Malta Chamber of Commerce), John Formosa uffiċjal ta' Network Publications Limited, l-ambaxxata Tuneżina u lill-pulizija. Inoltre:

i. Fl-24 ta' April 2014 fis-13:51, Martin Vella bagħat *email* lir-rikorrent appellat li taqra' kif ġej

*Dear Anthony,*

*We have been informed that you called to attend our B2B Forum, which we are the official organisers.*

*Kindly note that this event is by official registration only. If you wish to register please note that you have come to register officially through us. Otherwise we cannot accept any other form of registration.*

*I welcome you to take the opportunity to register officially, as the event is strictly by invitation.*

*Attached is event programme and PR.*

*Kindly confirm.*

ii. Fil-25 ta' April 2014, fit-8.53am l-appellat wieġeb b'email oħra, u bagħat ukoll kopja lil Margaret Brincat, Ray Borg tal-Malta Libyan Maltese Chamber of Commerce u John Formosa, u kiteb:[2]

*Re: Malta-Tunisia-Libya B2B Networking Forum*

*Dear Sirs,*

*Please note that I am one of the main speakers being the President of the Libyan Maltese Chamber of Commerce for this planned forum. Although you only inserted a "VIP" instead of my name on the program, my participation and that of my council members had been agreed at prior meetings with the Tunisian Embassy before Economic Update were approached for organising the event. Do not worry Mr. Vella – I will forward your mail addressed to me below to her Excellency Tunisian Ambassador for her direction. To tell you the truth have just received the invitation to the dinner at her Excellency Residence and I wonder why this was not also received through your office being the main organiser.*

*Regards*

iii. Għal dik l-*email* l-appellant wieġeb b'email fil-25 ta' April 2014 fin-12.30pm, u bagħat kopja lill kull min kien imniżżel fl-email tal-appellat u nkluda lill-Ambaxxata Tuneżina f'Malta kif ukoll l-Ispettur George Cremona, f'liema email l-intimat qal is-segwenti:[3]

---

[2] Fol. 32.
[3] Fol. 3.

*'Dear Sir,*

*Although the company and the Organising Committee, appreciates all that you have pointed out in your email, your request to participate in our event cannot be granted.*

*After careful review, we regret to inform you that we are unable to grant you registration to attend. We are sorry about the difficulties you are experiencing, and we hope that you will be able to find another solution to your problems. Kindly note that for the moment you are a '**persona non grata**', and as head of the Organising Committee, this decision is binding.*

*We do not wish to take any action which might impair you and therefore request that you give this matter your most immediate attention.*

*I hope you will understand why we must take this position and your are kindly requested not to send any further emails to us, neither try to harass us or bring our good reputation into disrepute'.*

iv. Fit-28 ta' April 2014 fid-9.37, Ray Borg, illi huwa l-Administration Manager tal-Libyan Maltese Chamber of Commerce, kiteb lill-appellant, fejn talbu:

> '*to refrain from mentioning the 'Libyan Business Council' which is Included in your programme of the Forum*' in kwantu '*This Co council does not exist in Malta and your reference to such an institution is giving conflicting messages related to our activity as the Chamber that represents Libyan-Maltese business interests*'.[4]

v. Għal dina l-*email*, l-appellant wieġeb permezz ta' email datata 28 ta' April 2014 fil-11.24am, illi hija t-tieni *email* illi dwarha jilmenta r-rikorrent fir-rikors promotur tieghu. Din l-*email* ġiet indirizzata lill-Ray Borg, tal-Libyan Maltese Chamber of Commerce, u kopja ntbagħtet lill John Formosa, lill-Ambaxxata Tunezina u indirizz ieħor, u kienet tgħid is-segwenti. Fiha hemm paragrafu li tirreferi għall-appellat:[5]

*'Dear Ray,*

*I refer to your email below and would kindly draw your attention to the following:.....*

*B. Kindly note it is/was never our intention to give out any conflicting messages related with anyone's activity. However, we wish to draw your attention to the fact that we called the Libyan-Maltese Chamber several times without success to inform them about this as no one replied. It was*

---

[4] Fol. 22.
[5] Fol. 4, 20.

*following my initiative last week that I called you personally to inform you that we could not accept the presence of your acting President Mr Anthony Micallef, a persona non grata, for various reasons I mentioned and highlighted, one of them being that Mr Micallef had personally sent threatened us stating he would harm a our future interests and give us a bad name wherever he is, something which is most unbecoming of his Position'.*

vi. Fit-2 ta' Mejju 2014, l-appellat ippreżenta din il-kawża;

7. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:

*'Il-fatt illi l-intimat ħass il-ħtieġa li jiċċirkola l-email b'allegazzjonijiet u deskrizzjoni tar-rikorrent bħala 'persona non grata' u 'undesirable or unwanted person' mal-Kummissarju tal-Pulizija u membri għolja oħra tal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll l-Ambaxxatriċi Tuneżina juri l-intenzjoni ċara ta' l-intimat – illi jagħmel ħsara lir-rikorrent u jipprova jimmalafama u jħassar ir-reputazzjoni tar-rikorrent ma tali persuna'.*

8. Minn qari tas-sentenza jidher li dawk il-kliem kienu r-raġuni li wasslu lill-qorti sabiex tilqa' t-talbiet tal-appellat.

9. Fil-fehma tal-qorti bl-email tal-25 ta' April 2014, l-appellant għarraf biss lill-appellat li ma kellhomx pjaċir bl-attendenza tiegħu għall-Forum li kellu jsir bejn it-8 sad-9 ta' Mejju, 2018. Il-kliem *persona non grata* waħdu, m'huwiex kliem malafamanti. F'dak il-kliem m'hemmx allegazzjoni ta' fatti. L-appellant kien biss qiegħed jagħmel ċara l-posizzjoni ta' min kien qiegħed jorganizza l-Forum, u dan bi tweġiba għall-email li l-appellat kien bagħat dakinhar stess u kopja ta' liema kienet intbgħatet ukoll lil Margaret Brincat, Raymond Borg u John Formosa.

10. Fir-rigward tat-tieni email, l-istess jingħad għal dak li jirrigwarda l-kliem *persona non grata*. Id-differenza hi li f'dik l-email ingħatat ir-raġuni għalfejn l-appellat kien *persona non grata* għall-okkazzjoni:

> *'... for various reasons I mentioned and highlighted, one of them being that* ***Mr Micallef had personally sent threatened us stating he would harm all our future interests and give us a bad name wherever he is, something which is most unbecoming of his position'****.*

11. Dawk huma allegazzjonijiet ta' fatti li l-appellant baqa' ma ssostanzjax bi provi ċari u konkreti, igħid x'igħid. Allegazzjonijiet ta' fatti li ma jpoġġux lil min xogħolu hu fin-negozju u kariga li jokkupa l-appellat, f'dawl tajjeb. Pjuttost jagħtu lill-qarrej x'jifhem li l-appellat hu vendikattiv. Email li ntbagħtet ukoll lil Raymond Borg, John Formosa, Ambaxxata Tuneżina u xi ħaddieħor. Allegazzjonijiet li reġgħu saru fl-email tat-2 ta' Mejju, 2018 li l-appellant bagħat lill-Ambaxxatriċi Tuneżina u li kienet il-meritu tal-kawża 232/2014 deċiża wkoll illum, kif ukoll korrispondenza oħra eżempju email

datata 25 ta' April, 2014 li Vella bagħat lill-Ambaxxatriċi Tuneżina u l-Ambaxxata tat-Tuneżija f'Malta.

12. L-appellat ċaħad li hedded lill-appellant:[6]

> *'... a differenza ta' dak li kien qed jallega s-Sur Vella jiena qatt ma bagħat xi email li nattakka jew ninġurja lilhom jew nagħmel ħsara lil Economic Update'.*

13. Fix-xhieda ulterjuri tiegħu a fol. 114, mistoqsi jekk qattx hedded lill-appellant, l-appellat wieġeb:

> *'Le, qatt m'heddidtu; qatt.*
>
> ***Dr Luciano Busuttil:***
> *Li għedtlu li mhux ser jaħdem imkien iżjed?*
>
> ***Xhud:***
> *Lanqas naf x' jiġifieri; mhux vera, qatt m'għedtlu hekk. Jien għedtlu ma naħdimx miegħek fis-sens li ovvjament jekk inti ser tibqa tinsisti fuq dan il-mod.'*

14. Fl-affidavit tiegħu, Martin Vella qal illi l-appellat kien heddu u jirreferi għal *email* a fol. 172 – 172 fejn wissieh li ma kienx ser jagħmel aktar riklami fuq l-*Economic Update* sakemm ma jitlobx apoloġija għall-*emails* kollha li kien bagħtlu dwar l-intervista li kellha tidher fuq l-*Economic Update*. Iżda dan ma jammontax għal theddid li l-appellat kien se jikkawża, '*harm all our future interests and give us a bad name wherever he is'*. Għalkemm meta xehed semma wkoll diversi persuni bħal Andre' Ribeiro u ċertu Holland, li kienu jaħdmu ma' Office Group Limited, l-appellant ma ressaqhomx bħala xhieda. Illimita ruħu biss biex igħid x'qalulu, iżda mingħajr ma ressaqhom bħala xhud. Dan apparti li d-dokumenti li ppreżenta mal-affidavit tiegħu lanqas ma jikkonfermaw li l-appellat kellu a hidden agenda li jagħmel ħsara lill-kumpannija Network Publications Limited minħabba li ma kinux xtraw makkinarju mingħand Office Group Limited.

15. Margaret Brincat, li kienet taħdem mal-appellant, xehedet illi l-appellat kien biddel l-attitudni magħha ukoll wara l-imsemmija intervista u kellu atteġġament irrabjat. Madankollu fl-ebda waqt ma kkonfermat li kien hemm xi theddid da parti tal-appellat fil-konfront tal-appellant jew ta' *Network Publications*. Għalhekk il-verżjoni tagħha ma tistax tittieħed bħala korraborazzjoni ta' dak li xehed l-appellant.

16. Għalhekk fuq bilanċ ta' probabbilta' l-fatti li ssemmew fil-konfront tal-appellant fl-email tat-28 ta' April 2014 mertu tal-każ odjern, ma ġewx ippruvati li huma veri. Dak li rrakkonta l-appellat biex jissostanzja dak li kiteb fl-email in kwistjoni, lanqas ma ġie korraborat minn xhieda u wisq inqas mid-dokumenti li ppreżenta.

---

[6] Fol. 14.

17. Dwar dik il-parti tal-aggravju tal-appellant fis-sens illi l-organizzatur tal-konferenza kienet *Network Publications*, dan il-fatt ma jeżonerahx. L-appellant kien l-awtur tal-email u għalhekk ikollu jwieġeb għall-malafama.

18. Għal dak li huma danni, l-ewwel qorti llikwidat is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000). Meqjus dak li ngħad hawn fuq u dak diġa' deċiż fis-sentenza 232/2014, din il-qorti hi tal-fehma li dik is-somma hi eżaġerata. Għaldaqstant, qegħda tillikwida s-somma ta' ħames mitt ewro (€500).

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 2018 fis-sens li minflok:-**

- **i. Tiċħad it-talba tal-appellat fir-rigward tal-email tal-25 ta' April, 2014 tan-12:30 (fol. 2);**
- **ii. Tikkundanna lill-appellant iħallas lill-appellat is-somma ta' ħames mitt ewro (€500) fir-rigward tal-email tat-28 ta' April, 2014 tal-11:24 (fol. 4).**
- **iii. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti salv għal dak li ser jingħad dwar l-ispejjeż.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-appellant u 30% a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.